



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

10457/23

LIMITE

ENV 665
CLIMA 289
POLGEN 55
AG 50

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	L-impatt tas-suq tal-karbonju tal-Unjoni Ewropea fuq politiki differenti tal-UE - Informazzjoni mill-Polonja

Bil-ksieb tal-laqqha tal-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) tas-27 ta' Ġunju 2023, id-delegazzjonijiet isibu mehmuż nota mid-delegazzjoni Pollakka.

Nota ta' spjegazzjoni mill-Polonja dwar l-iskambju ta' fehmiet dwar l-impatt tas-suq tal-karbonju tal-UE fuq politiki differenti tal-UE, inkluż l-enerġija, il-kompetittività tal-ekonomija tal-UE u l-istandard soċjali tal-għajxien fl-UE

Il-ħtieġa ta' dibattitu orizzontali dwar l-impatt tas-suq tal-karbonju tal-UE fuq politiki differenti tal-UE

L-UE qed tidħol fil-perjodu ta' ambizzjoni akbar fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra bi sfidi ġodda fil-ġejjieni. F'dawn l-aħħar snin l-UE żviluppat leġislazzjoni dwar il-klima li taffettwa bosta politiki differenti tal-UE. Għalhekk, din għandha impatt mhux biss fuq l-ambjent iżda wkoll fuq l-enerġija, l-industrija, l-ispejjeż tat-tranżizzjoni, l-impjiegi u kwistjonijiet soċjali oħra. Fl-istess ħin diġà qed nesperjenzaw impatt sinifikanti tal-prezzijiet tal-karbonju fuq il-prezzijiet tal-enerġija. Il-konsegwenzi huma tnejn. Minn naħa, l-ispejjeż tal-produzzjoni industrijali fl-UE qed jiżdiedu, u b'hekk qed jintlaqtu ħażin il-kompetittività globali tal-kumpaniji u l-ekonomiji Ewropej. Min-naħa l-oħra, ħafna ċittadini Ewropej qed iħabbtu wiċċhom mar-riskju dejjem jikber tal-faqar enerġetiku. Għalhekk, jeħtieġ li niddiskutu l-impatt li l-EU ETS għandha fuq il-prezzijiet tal-enerġija u l-isfidi soċjoekonomiċi ewlenin kollha li jirriżultaw minnha, prinċipalment il-kompetittività tal-ekonomija tal-UE u l-kwistjoni tal-faqar enerġetiku li jhedded ħafna miċ-ċittadini tagħna.

Għaliex għandna bżonn dan id-dibattitu?

Huwa ċar li prezzijiet tal-enerġija sinifikattivament ogħla u l-volatilità tagħhom għandhom jiġu attribwiti għal taħlita ta' fatturi. Filwaqt li xi wħud minnhom huma pożittivi u kienu mistennija (bħal żieda fid-domanda marbuta mal-irkupru ekonomiku ta' wara l-pandemija), oħrajn huma lil hinn mill-kontroll tagħna u imprevedibbli (kundizzjonijiet straordinarji tat-temp, il-prezzijiet rekord tal-gass naturali, is-sitwazzjoni ġeopolitika). Għalhekk, aħna ser niffukaw fuq dawk il-fatturi li jistgħu jiġu kkontrollati peress li huma marbuta mal-politiki u l-azzjonijiet tal-UE, jiġifieri l-EU ETS.

Dan huwa partikolarment urġenti peress li ċ-ċirkostanzi nbidlu b'mod sinifikanti mill-preżentazzjoni tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %". Diversi fatturi wasslu għal prezzijiet rekord ta' kwoti tal-UE li jitfgħu pressjoni addizzjonali fuq iż-żieda u l-volatilità tal-prezzijiet tal-enerġija. Għalhekk, il-Valutazzjonijiet tal-Impatt li jakkumpanjaw il-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030 u l-proposta għal reviżjoni tad-Direttiva dwar l-EU ETS huma maqtugħin mir-realtà attwali u ma għadhomx adatti għall-iskop tagħhom. Il-livell attwali tal-prezzijiet tal-kwota ġenerali (EUA) qabeż b'mod drammatiku x-xenarji kollha għall-2025 u l-2030 li ġew ippreżentati f'dawk id-dokumenti. Madankollu, illum iċ-ċittadini u l-industriji tagħna qed jiffaċċaw sfidi dejjem akbar imposti minn prezzijiet għoljin tal-enerġija u mill-kwoti tal-UE. Iċ-ċirkostanzi nbidlu u wasal iż-żmien li fl-UE dawn ma jibqgħux jitqiesu f'diversi dibattiti settorjali iżda b'mod verament orizzontali. Għalkemm l-impatt tal-prezzijiet tal-kwoti tal-UE fuq il-prezzijiet tal-enerġija jista' jvarja minn Stat Membru għal ieħor, dan ma jistax jiġi injorat. Hemm Stati Membri kkaratterizzati minn intensità għolja ta' emissjonijiet fil-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana, li tirriżulta f'shem ferm ogħla tal-kostijiet tax-xiri tal-kwoti tal-UE fil-prezz tal-enerġija (fil-każ tal-Polonja s-sehem medju fil-prezzijiet bl-ingrossa tal-elettriku fl-2022 kien ta' 50 %, filwaqt li għall-UE kien ta' 20 %).

Is-sehem tal-UE tal-PDG dinji naqas minn 25 % fl-1990 għal 17 % fl-2020. Dan ifisser li t-tkabbir ekonomiku globali ta' dawn l-aħħar tliet deċennji seħħ prinċipalment barra mill-UE – fl-Asja u speċjalment fiċ-Ċina. Filwaqt li parti minn dan it-tnaqqis jista' jiġi attribwit għal punti tat-tluq differenti, ta' min jinnota li t-tkabbir tal-UE – u speċjalment it-tkabbir fiż-żona tal-euro – kien ukoll aktar kajman meta mqabbel mal-Istati Uniti. Is-sehem relattiv tal-UE fil-kummerċ dinji naqas ukoll. Meta jitqabblu l-kumpaniji – s-sinsla tal-kompetittività – fl-Ewropa mal-kontropartijiet tagħhom fl-Istati Uniti naraw diskrepanza sostanzjali. Bejn l-2014 u l-2019, in-negozji Ewropej kibru bħala medja 40 % aktar bil-mod mill-pari tagħhom fl-Istati Uniti.

Fl-2022, meta mqabbla mal-2021, l-industriji intensivi fl-enerġija inkluż dawk tal-metalli bażiċi, tal-kimiċi, tal-minerali mhux metalliċi u tal-karta esperjenzaw tnaqqis fil-produzzjoni industrijali, filwaqt li setturi oħra tal-manifattura raw żieda fil-produzzjoni. Pereżempju, sena wara sena, il-manifattura ta' prodotti kimiċi naqset b'aktar minn 6 % u fl-2022 il-produzzjoni tal-metalli bażiċi naqset b'4 %. Dan huwa segwit minn eżempji ta' intrapriżi li rriallokaw l-attività kummerċjali tagħhom barra mill-UE. Pereżempju, il-kumpanija kimika bl-ogħla dħul fid-dinja ħabbret li ser tbiegħed il-produzzjoni mill-Ewropa minħabba kostijiet għoljin tal-enerġija. Dan ser iwassal għal telf ta' madwar 2,600 impjeg.

Minkejja li dan l-aħħar il-prezzijiet tal-enerġija urew sinjali ta' stabbilizzazzjoni, dan ġara parzjalment minħabba l-politiki u l-interventi mill-gvernijiet tal-Istati Membri. Madankollu, jeħtieġ li jiġi enfasizzat li l-miżuri kollha applikati kienu ta' piż fuq il-kontijiet tal-gvernijiet, u b'hekk naqqsu l-kapaċità għall-ġħoti ta' appoġġ finanzjarju lil oqsma oħra (bħat-tranżizzjoni tal-enerġija). Barra minn hekk, b'kont meħud tal-fatt li fl-2022 iż-żidiet fil-kontijiet tal-enerġija ġew ikkontrollati bis-saħħa ta' interventi tal-gvern u kuntratti bi prezzijiet fissi, irridu nlestu ruħna għal żieda oħra qabel ix-xitwa tal-2023 hekk kif l-Ewropa tiffaċċa kompetizzjoni dejjem akbar għall-provvisti tal-enerġija miċ-Ċina.

Filwaqt li l-prezzijiet eċċessivi tal-enerġija jżidu l-ġħoli tal-ħajja għall-Ewropej kollha, il-piż mhuwiex imqassam b'mod ugwali fost il-popolazzjoni. Il-konsegwenzi negattivi jinħassu b'mod partikolari minn familji b'introjt baxx f'abitazzjonijiet b'iżolazzjoni batuta mingħajr pompi tas-sħana fil-kantini tagħhom jew pannelli solari fuq il-bjut tagħhom. Skont iċ-ċifri tal-Eurostat, madwar 35 miljun ċittadin tal-UE (madwar 8 % tal-popolazzjoni tal-UE) ma setgħux iżommu djarhom sħan b'mod adegwat fl-2020. Iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija li bdiet fl-2021 u li marret għall-agħar bl-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fi Frar 2022, flimkien mal-impatt tal-kriżi tal-COVID-19, x'aktarx li aggravaw sitwazzjoni diġà diffiċli għal ħafna ċittadini tal-UE. Barra minn hekk, id-data mill-Osservatorju tal-Faqar Enerġetiku tal-UE tindika li n-numru stmat ta' ċittadini foqra fl-enerġija fl-Unjoni Ewropea jista' jkun wasal sa 125 miljun persuna, filwaqt li l-prezzijiet għoljin tal-enerġija huma wieħed mit-tliet fatturi ewlenin li jikkawżaw dan il-fenomen. L-inklużjoni tas-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq fl-EU ETS jista' jkun li saħansitra qed taggrava s-sitwazzjoni.

Għaliex il-Kunsill Affarijiet Ġenerali huwa l-forum xieraq għal dan id-dibattitu?

Il-Kunsill Affarijiet Ġenerali għandu rwol uniku fil-koordinazzjoni tal-politiki tal-UE u d-dossiers orizzontali. F'konformità mal-Artikolu 16(6) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Affarijiet Ġenerali għandu jiżgura l-konsistenza fil-ħidma tal-konfigurazzjonijiet differenti tal-Kunsill. Kif stipulat fl-Artikolu 2(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, "Huwa għandu jkun responsabbli għall-koordinazzjoni ġenerali tal-linji ta' politika, il-kwistjonijiet istituzzjonali u amministrattivi, id-dokumenti orizzontali li jaffettwaw ħafna mil-linji ta' politika tal-Unjoni, bħall-qafas finanzjarju pluriennali u t-tkabbir, kif ukoll kwalunkwe dokument mibgħut lil mill-Kunsill Ewropew, rigward regoli operattivi għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja". Il-konfigurazzjoni tal-Kunsill responsabbli għat-trattament tal-EU ETS huwa l-Kunsill Ambjent. Madankollu, l-impatt ta' din l-iskema huwa multidimensjonali. Huwa relatat mill-qrib ma' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenzi ta' konfigurazzjonijiet oħra tal-Kunsill. L-ewwel nett, il-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija li jittratta l-prezzijiet għoljin tal-enerġija u l-volatilità tagħhom. It-tieni, il-Kunsill Kompetittività li huwa responsabbli għall-kompetittività tal-industrija Ewropea. It-tielet, il-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji li jittratta l-ispejjeż tat-tranżizzjoni klimatika. Fl-aħħar nett, il-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur li huwa responsabbli għall-faqar enerġetiku.

Is-sistema tal-EU ETS hija waħda mill-istrumenti ewlenin tal-politika tal-UE dwar il-klima. Madankollu, l-impatt dirett tagħha fuq il-prezzijiet tal-enerġija jiġġenera ħafna riskji għall-produzzjoni industrijali fl-UE u riskju dejjem jikber ta' faqar enerġetiku (li ser jiżdied bl-inklużjoni tal-bini u t-trasport bit-triq fl-ETS il-ġdida). Minħabba n-natura trażversali ta' din il-problema, għandha tiġi diskussa b'mod urġenti b'mod li jippermetti rispons koordinat għall-isfidi identifikati. Għalhekk, nissuġġerixxu li l-Kunsill Affarijiet Ġenerali jingħata l-kompitu li jkollu djalogu komprensiv dwar din il-kwistjoni. Jeħtieġ li nikkoordinaw b'mod xieraq il-politiki tal-UE affettwati minn din l-iskema u nipprovdu aktar ċertezza għaċ-ċittadini u s-setturi industrijali tagħna.